


EUROPEAN CITIZENS' PANEL
Tackling Hatred in Society

# Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà

*Sommarju tas-Sessjoni 3*

[ 17–19 ta' Mejju, 2024]

# Fi ftit kliem…

## X'inhuma l-azzjonijiet ta' prijorità biex tiġi indirizzata l-mibegħda?

Bejn is-17 u d-19 ta' Mejju seħħet it-tielet u l-aħħar sessjoni tal-Panel taċ-Ċittadini Ewropej li ġabret flimkien madwar 150 parteċipant minn madwar l-UE fi Brussell. Dan il-weekend ta' dibattitu u ħidma intensi kien maħsub għall-finalizzazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea.

Bis-saħħa tad-dedikazzjoni kontinwa u tal-impenn sod tagħhom, iċ-ċittadini adottaw 21 rakkomandazzjoni biex jindirizzaw il-mibegħda fis-soċjetà. Dawn ġew adottati fil-plenarja u mgħoddija lil Ana Gallego Torres, Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST).

## Issa x'se jiġri?

Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini mistennija jikkontribwixxu għat-tfassil ta' inizjattivi futuri tal-Kummissjoni biex tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà. Dawn huma l-21 rakkomandazzjoni finali li ntbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea. Id-dokument finali tradott fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE se jiġi pprovdut dalwaqt.

## Inżommu kuntatt

Se nkunu f'kuntatt magħkom ilkoll biex norganizzaw avveniment ta' feedback fejn niddiskutu flimkien il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea qed tqis ir-rakkomandazzjonijiet tagħkom.

Biex inżommu kuntatt magħkom fil-futur, qed nistabbilixxu network ta' alumni għall-parteċipanti tal-Panels taċ-Ċittadini Ewropej u proġetti oħra ta' involviment taċ-ċittadini Ewropej. Jekk **ma tixtieqx** tkun parti minn dan in-network, ibagħtilna email fuq COMM-CITIZENS-PANELS@ec.europa.eu u nneħħuk mil-lista tal-indirizzi elettroniċi.

Tista' ssib għażla ta' ritratti mis-sessjonijiet tal-Panel fil-Pjattaforma għall-Involviment taċ-Ċittadini. Inħeġġuk taqsamhom ma' sħabek, qrabatek u man-networks soċjali tiegħek!

Id-DĠ JUST jiċċirkola **bullettin ta' kull xahar** li jkopri l-aktar aħbarijiet, avvenimenti u pubblikazzjonijiet reċenti. Tista' tabbona għalih billi żżur din il-link.

Aktar informazzjoni dwar il-politika tal-UE dwar il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija disponibbli fuq is-sit web tiegħu: Ġustizzja – il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu) jew fuq X: (@EU_Justice / X (twitter.com).

# “Aħna, ċittadini tas-27 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, nemmnu li l-ġlieda kontra l-mibegħda fl-Ewropa u fid-dinja hija prijorità.”

## Mill-mibegħda u d-diviżjoni għat-tgawdija kondiviża tal-valuri Ewropej tal-ugwaljanza, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità

### “Dak li tħaddan jgħin biex jiġu mħarsa d-demokraziji tagħna.”



Fi tmiem ix-xahrejn ta’ xogħol ġmielu, iċ-ċittadini rritornaw Brussell għall-aħħar weekend ta’ dan il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Indirizzar tal-Mibegħda fis-Soċjetà. Huma ngħaqdu għal weekend finali biex l-ideat żviluppati matul iż-żewġ sessjonijiet preċedenti jsarrfuhom f’rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Ġimgħa, iċ-ċittadini reġgħu lura fil-plenarja, milqugħa minn **Dana Spinant, Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ COMM)** li ferħitilhom għall-ħidma tagħhom: *“Tassew urejtu x’għerf għandkom. Kont impressjonata bl-empatija li wrejtu f’dan il-Panel, kif ukoll bl-onestà u l-mentalità miftuħa fid-diskussjonijiet dwar suġġett daqshekk kumpless. Il-fatt li intom ilkoll favur li twasslu l-ilħna taċ-ċittadini fil-livell Ewropew ifisser ħafna għalina.”*

### Definizzjoni tal-problema: Nistabbilixxu l-bażi tar-rakkomandazzjonijiet

Mit-tieni sessjoni ’l hawn, kumitat editorjali magħmul minn membri tal-Panel kien qed jaħdem biex jiffinalizza d-definizzjoni tal-problema, billi jinkorpora l-kummenti tal-membri kollha tal-Panel.

*“L-għan kien li niġbru r-riżultati tal-grupp ta’ ħidma u noħolqu test komuni (...). Fl-aħħar, għamilna 3 sigħat u nofs induruh kelma kelma u sentenza sentenza, biex niġbru l-informazzjoni kollha mit-12-il grupp ta’ ħidma.”* spjega Gerhard, membru tat-tim editorjali.

Il-mibegħda taffettwa l-partijiet kollha tas-soċjetà. Il-parteċipanti jemmnu li l-ġlieda kontra l-mibegħda fl-Ewropa u fid-dinja hija kompitu importanti. It-test jenfasizza li mingħajr sforzi attivi biex jiġu indirizzati u mfejqa l-feriti kkawżati pereżempju mill-gwerer, il-mibegħda xprunata mill-kunflitti thedded li ttenni ċiklu ta’ ostilità u diviżjoni. It-test jenfasizza wkoll ir-responsabbiltà tal-politiċi u l-figuri pubbliċi fit-tixrid tad-diskors ta’ mibegħda, aggravat mill-media u n-networks soċjali. Iċ-ċittadini jenfasizzaw li n-nuqqas ta’ edukazzjoni dwar identitajiet u kulturi differenti, dwar it-tolleranza u l-komunikazzjoni kif ukoll nuqqas ta’ informazzjoni online affidabbli jistgħu jsaħħu n-nuqqas ta’ fehim, jtennu l-preġudizzji u jwasslu għall-mibegħda.

## Il-feedback tal-esperti fil-qosor

### L-edukazzjoni bħala valur fundamentali għat-tiswir tal-adulti ta' għada

**Robin Sclafani, Direttur tas-CEJI**, *"L-edukazzjoni hija importanti ħafna biex in-nies ikunu kuntenti u funzjonali. Is-setgħat tal-UE bħalissa huma limitati, iżda hemm ħafna x'jista' jsir biex titħeġġeġ l-azzjoni tal-istat ukoll."*

### Il-potenzjal tal-Panels taċ-Ċittadini biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali

**Federico Faloppa, Professur tas-soċjolingwistika fl-Università ta' Reading**, *"Fi bliet ta' daqs medju, fl-Italja/fir-Renju Unit, l-organizzazzjonijiet qed jippruvaw ilaqqgħu flimkien panels taċ-ċittadini. F'waħda minn dawn il-bliet fl-Italja naraw li n-negozji qed jiffjorixxu għax huma "ħielsa mill-mibegħda" u jappoġġaw id-drittijiet tal-bniedem. Jeħtieġ li l-ilħna lokali niġbruhom flimkien. Hekk għandna naħdmu wkoll flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE, dawk nazzjonali u lokali."*

### L-IA hija soluzzjoni tajba għall-ġlieda kontra l-mibegħda?



**Nesrine Slaoui, Ġurnalista indipendenti**, "Jekk ma niġġildux kontra l-mibegħda fuq l-internet, ikun kollu ta' xejn. *L-algoritmi huma kruċjali hawnhekk, imma neħtieġu wkoll preżenza umana. Ma nistgħux ninsew il-lat finanzjarju tal-affarijiet: il-pjattaformi huma multinazzjonali, u jistgħu jagħmlu l-flus minn kontenut tajjeb jew ħażin. Jeħtieġ li ċ-ċittadini jiġu edukati wkoll. L-IA tinkorpora fiha kemm razziżmu u kemm sessiżmu; ma nistgħux inserrħu fuq l-għodod futuri tagħna meta huma influwenzati minn dawn il-preġudizzji."*

### Il-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-*data* u l-ġlieda kontra l-mibegħda online

**Louisa Klingvall, DĠ JUST**, *"Fl-Ewropa ngħixu f'kuntest demokratiku, iżda dan mhux neċessarjament il-każ kullimkien fid-dinja. L-anonimità tista' tbiddel is-sitwazzjoni u tippermetti li xi persuni jesprimu ruħhom, iżda twassal ukoll għal diskors ta' mibegħda. L-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jistgħu jiksbu informazzjoni dwar dawk li jxerrdu messaġġi ta' mibegħda, b'mod partikolari skont id-DSA (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)".*

**Martin Sacleux, DĠ JUST**, *"Il-bilanċ bejn il-protezzjoni tad-data u l-ġlieda kontra l-kontenut ta' mibegħda online huwa xi ħaġa li qed infittxu li niksbu b'mod kostanti fil-Kummissjoni Ewropea, u għal din ir-raġuni r-regolament dwar il-protezzjoni tad-data huwa protettiv ħafna. Qed nitkellmu dwar biljuni ta' kontenuti ppubblikati kuljum, għalhekk neħtieġu wkoll riżorsi biex ngħinu lill-awtoritajiet jidentifikaw u jiffiltraw il-kontenut. Huwa importanti li jsir rapport dwar il-kontenut ta' mibegħda sabiex l-awturi jkunu jistgħu jiġu mħarka."*

## Il-protezzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli billi jitħarrġu n-nies li jikkollaboraw magħhom



**Daris Lewis Recio, Uffiċjal legali u tal-politika f'Equinet**, *"Hemm ħafna inizjattivi politiċi u legali, b'mod partikolari dwar il-migranti, u kif nistgħu nindirizzaw id-diskors ta' mibegħda ma' persuni li għadhom kif waslu."*

## Nappoġġaw il-vittmi u nippermettulhom jesprimu ruħhom liberament mingħajr ġudizzju

**Arun Mansukhani**, *"Jeħtieġ li nħarrġu l-persuni li jieħdu d-dikjarazzjonijiet biex jipprovdu l-aħjar appoġġ possibbli għall-vittmi. L-aħjar psikologu huwa l-uffiċjal tal-pulizija li ġie mgħarraf bis-sitwazzjoni u l-persuni li jirċievu x-xhieda tal-vittma."*

**Ingrid Bellander Todino, Kap tal-Unità, Politika tad-Drittijiet Fundamentali, DĠ JUST**, "Aħna fassalna leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi fl-2012, li tipprovdi appoġġ u assistenza lill-vittmi tal-kriminalità. *Diġà hemm protezzjoni għall-vittmi fl-Istati Membri, iżda jeħtieġ li niżguraw li din tiġi implimentata u tkun aċċessibbli għall-vittmi, u d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ hija punt kruċjali fid-definizzjoni ta' x'inhu meħtieġ biex ngħinu l-vittmi."*

# 21 rakkomandazzjoni rratifikati u ċċelebrati!

Is-Sibt, iċ-ċittadini ħadmu fi 12-il grupp biex jiffinalizzaw il-21 rakkomandazzjoni tagħhom. Tista' taqra wħud minnhom hawn taħt:



- **Inżidu s-sensibilizzazzjoni dwar il-mibegħda u dwar il-miżuri u r-rimedji eżistenti biex niġġilduha b'kampanja pubblika**. Il-Panel taċ-Ċittadini jipproponi li l-Unjoni Ewropea torganizza kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar il-perikli tal-mibegħda, il-kawżi tagħha u l-miżuri biex niġġilduha. Fl-istess ħin, l-UE għandha tipprovdi informazzjoni dwar id-diversi inizjattivi tagħha kontra l-mibegħda u l-mezzi ta' appoġġ u l-miżuri disponibbli għall-vittmi.

- **Karta tal-UE għan-navigazzjoni sikura** biex tiżgura navigazzjoni sikura fuq l-Internet għat-tfal mill-età ta' 8 snin. B'din il-karta, it-tfal għandhom jiksbu l-ħiliet meħtieġa biex jinnavigaw l-Internet b'mod indipendenti u sikur.



- **Nippromwovu komunikazzjoni mhux vjolenti.** L-UE għandha tippubbliċizza aħjar il-korsijiet ta' taħriġ eżistenti tagħha dwar ir-reati ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u l-komunikazzjoni mhux vjolenti u tippromwovihom lil gruppi fil-mira speċifiċi. Il-komunikazzjoni mhux vjolenti għandha ssir aċċessibbli għall-ġenerazzjonijiet kollha fl-Istati Membri kollha tal-UE permezz ta' programmi edukattivi.
- **Media aktar indipendenti**. Il-media għandha tintalab taħdem ma' organizzazzjonijiet indipendenti li jivverifikaw il-fatti u tkun trasparenti dwar is-sorsi ta' finanzjament tagħha. L-għadd ta' mezzi tal-media li persuna jew kumpanija jista' jkollha għandu jkun limitat. Hija rakkomandata wkoll parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini fil-media biex jingħata aktar piż lill-kontenut tagħhom u tiġi promossa kultura kondiviża ta' reċiproċità u rispett.
- **Il-monitoraġġ u l-prosekuzzjoni tad-diskors ta' mibegħda online**. L-anonimità tal-internet għandha tiġi rregolata sabiex l-awturi tad-diskors ta' mibegħda jkunu jistgħu jiġu segwiti u mħarrka aħjar mill-awtoritajiet kompetenti. Il-Kummissjoni Ewropea għandha toħloq grupp ta' ħidma biex jaġġorna u jwessa' d-definizzjoni komuni ta' "diskors ta' mibgħeda illegali." Għandha tintuża l-intelliġenza artifiċjali biex trażżan it-tixrid tad-diskors ta' mibgħeda fuq in-networks soċjali. Il-pjattaformi/l-operaturi jridu jkunu meħtieġa jadattaw l-algoritmi tagħhom biex ixandru firxa usa' ta' opinjonijiet.
- **Kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-PE.** Il-Panel taċ-Ċittadini jipproponi l-istabbiliment ta' kumitat indipendenti ta' fiduċja biex jiżviluppa kodiċi ta' kondotta għall-Membri tal-Parlament Ewropew u jimmonitorja d-diskors ta' mibegħda u l-miżinformazzjoni.
- **Panels taż-żgħażagħ Ewropej**. Fl-iskejjel, l-organizzazzjoni ta' dibattiti mmudellati fuq il-Panels taċ-Ċittadini tista' tgħin biex tinxtered kultura ta' deliberazzjoni fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa. Pereżempju, dibattitu dwar l-ikel fil-kantin tal-iskola, fid-dawl tad-drawwiet ta' reliġjonijiet differenti, ikun opportunità biex jinbdew diskussjonijiet dwar suġġetti speċifiċi li jaffettwaw lit-tfal kuljum, u l-istudenti jibbenefikaw mill-għarfien espert tal-persunal tal-kantin u tal-koki. Il-ġemellaġġ bejn l-iskejjel jista' jippermetti skambji fil-livell Ewropew. Għal dawk li għandhom bejn 16 u 25 sena, għandhom jiġu organizzati panels Ewropej dwar il-mibegħda (l-istess mudell bħal dawk eżistenti) dwar suġġetti li għandhom impatt dirett fuqhom: il-fastidju online, eċċ.

## "Inti tirrappreżenta l-essenza tad-dibattitu demokratiku."

Il-Ħadd, iċ-ċittadini reġgħu lura fil-plenarja biex jippreżentaw u jivvalutaw il-21 rakkomandazzjoni finali. Iċ-ċittadini vvalutaw kull rakkomandazzjoni bl-użu ta' skala minn 1 sa 6 biex jesprimu s-saħħa tal-appoġġ tagħhom. Il-voti ġew magħduda fil-preżenza ta' ċittadini osservaturi biex tiġi żgurata t-trasparenza.

Wara l-preżentazzjonijiet u l-votazzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet ġew ippreżentati mill-ikbar parteċipanta, Gemma mill-Italja, u mill-iżgħar parteċipanta, Camille minn Franza, lil **Ana Gallego Torres, Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali "Ġustizzja u Konsumaturi" (DĠ JUST)**. Id-Direttur Ġenerali rringrazzjat lill-150 ċittadin għall-impenn kontinwu, il-parteċipazzjoni attiva u l-kisba impressjonanti tagħhom.

Fl-għeluq ta' dan il-weekend, iċ-ċittadini rċevew messaġġ ta' ringrazzjament minn **Dubravka Šuica, Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija**, li enfasizzat l-importanza li ċ-ċittadini jiġu inklużi fil-proċess ta' politika, biex isemmgħu leħinhom u jiżguraw li l-istituzzjonijiet Ewropej jindirizzaw dak li jkun qed jinkwieta liċ-ċittadini, *"L-impenn tagħkom qed jgħin biex id-demokraziji tagħna jsiru reżiljenti. Aħna kburin b'dawn il-Panels taċ-Ċittadini... Ninsab ħerqana biex naqra r-rakkomandazzjonijiet tagħkom, u grazzi tal-ħidma tagħkom."*

**Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-Ġimgħa!**

**Ikklikkja hawn biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-Ħadd!**

# Il-punti ewlenin tagħkom tal-Panel

**Matilde, l-Italja,** *"L-iktar parti interessanti għalija kienet li niltaqa' ma' nies mill-Ewropa kollha għax titgħallem ħafna minn ħaddieħor. Kienet ukoll l-ewwel darba li rajt lill-UE verament tilħaq liċ-ċittadini. Kienet esperjenza sabiħa ħafna."*

**Nelson, il-Polonja,** *"Il-grupp ta' ħidma kien l-aspett li laqatni l-aktar: stajna nesprimu ruħna, nikkondividu l-opinjoni tagħna, niddibattu dwar is-suġġett u anke fejn ma qbilniex, l-atmosfera dejjem kienet pożittiva. L-iżjed mument li se nibqa' niftakar hu meta ngħataw ix-xhieda matul l-ewwel sessjoni; dan kien mument emozzjonali ħafna."*

---

**Petra, ir-Repubblika Ċeka,** *"Apprezzajt ħafna l-opinjoni differenti ta' kulħadd - anke jekk ma naqblux, ġegħlitni nisma' lin-nies u nqis l-opinjonijiet tagħhom. Edukajt ruħi iżjed, u vera ħadt gost tul il-proċess u niltaqa' ma' nies ġodda minn madwar l-UE kollha. Għoġbitni ħafna s-sessjoni tal-grupp; kien hemm mumenti umoristiċi u apprezzajthom ħafna."*

**Sybel, il-Lussemburgu,** *"Wara dawn it-tliet sessjonijiet, l-iżjed mument li se nibqa' niftakar hu meta Camille u Gemma għaddew ir-rakkomandazzjonijiet lil Ana Gallego Torres. Dan il-mument jissimbolizza l-ħidma kollha u l-isforz kollettiv li sar biex jintlaħaq kunsens dwar dawn il-21 rakkomandazzjoni. Tassew kburija b'dak li ksibna. Ma kienx faċli, xi drabi ma qbilniex, iżda kollha ġejna bir-rieda li nagħtu l-fehma tagħna biex nikkontribwixxu għad-diskussjoni. Din l-esperjenza turi li ċ-ċittadini jistgħu jinvolvu ruħhom u jippreżentaw ideat rilevanti lill-politiċi"*

---

# Il-weekend mill-perspettiva ta' Sylvain

Sylvain Mazas huwa faċilitatur grafiku, li jirrappreżenta l-evoluzzjoni tad-diskussjonijiet tal-Panel.
Dawn huma l-impressjonijiet tiegħu tal-weekend.










## Avvenimenti oħrajn

Konna kuntenti li lqajna numru minnkom lura fi Brussell f'dawn l-aħħar ġimgħat, biex tirrappreżentaw lill-Panel f'avvenimenti u konferenzi differenti. Grazzi kbira tmur lil dawk kollha li vvolontarjaw bħala rappreżentanti!

L-avveniment ewlieni ta' segwitu ġie organizzat mid-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DĠ JUST) fit-13 ta' Ġunju 2024. Dan l-avveniment kien it-12-il laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda magħmul minn ministri tal-kabinett tal-ġustizzja, il-kultura u l-infurzar tal-liġi. Dan ippermetta li grupp ta' ċittadini jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet lir-rappreżentanti tal-Istati Membri, b'enfasi fuq dawk li jiddependu ħafna fuq azzjoni nazzjonali, bħal dawk relatati mal-edukazzjoni.

Żewġ mumenti importanti oħra taw l-opportunità lil xi ċittadini biex jippreżentaw il-ħidma tal-Panel. L-ewwel avveniment kien organizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) fil-31 ta' Mejju 2024, fl-okkażjoni tal-adozzjoni mill-Plenarja tal-KESE tal-Opinjoni:M'hemmx post għall-mibegħda:Ewropa magħquda kontra l-mibegħda. It-tieni wieħed, organizzat mill-JRC, kien parti mill-5 Festival tal-Parteċipazzjoni taċ-Ċittadini u d-Demokrazija Deliberattiva.

Proset liċ-ċittadini li vvolontarjaw (u li ntgħażlu b'mod aleatorju) u marru lura Brussell biex jattendu dawn it-tliet avvenimenti f'isem il-Panel!